MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 1906/2001/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3371/01 fl-ismijiet:**

**Bruno ROMANO'**

**vs**

**BLASCHEM (MALTA) LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija Blaschem (Malta) Limited fil-21 ta' Diċembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbet li din il-Qorti tħassar għal kollox jew in parti l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħha mill-intimat eżekutant Romano'; tiddikjara l-istess Mandat bħala malizzjuż, vessatorju u odjuż; tikkundanna lill-intimat eżekutant iħallas penali kif maħsub fl-artikolu 836(8) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; tordna lill-intimat eżekutant iġib garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi u dan fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u tad-danni; u biex is-smigħ tar-rikors isir bl-urġenza;

Rat l-erba' (4) dokumenti mehmużin mal-istess Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' Diċembru, 2001;

Rat ir-Rikors imressaq mill-intimat fit-8 ta' Jannar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab it-tħassir tan-notifika li saret fin-nuqqas tiegħu jew li ttawwal iż-żmien li fih titressaq it-Tweġiba għat-talbiet tal-kumpannija rikorrenti eżekutata;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta' Jannar, 2002, li biha l-Avukati Dottor Michael Sciriha u Dottor Gianfranco Gauċi bħala mandatarji tal-assenti Bruno Romano' laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-istess Avukati Sciriha u Gauċi *nomine* fil-11 ta’ Jannar, 2002, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija seħqu li t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti eżekutata jiġu miċħuda;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija rikorrenti fil-15 ta’ Frar, 2002[1], li biha fissret taħt liema dispożizzjoni tal-liġi kienet qegħda tressaq l-ewwel talba tagħha;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqin minnhom waqt is-smigħ;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta’ Mejju, 2002[2], b’mod partikolari d-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-intimat Romano’;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija rikorrenti fit-23 ta’ Mejju, 2002;

Rat id-Degriet tagħha tat-30 ta’ Mejju, 2002, li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, tat żmien lil kull naħa sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta’ Noti ta’ Osservazzjonijiet;

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta’Lulju, 2002[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-partijiet talbu iżjed żmien biex iressqu n-Noti ta’ Sottomissjonijiet tagħhom;

---

[1] Paġ. 35 tal-atti
[2] Paġ. 349 tal-atti
[3] Paġ. 438 tal-atti

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija rikorrenti fit-12 ta' Lulju, 2002[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti eżekutata fis-26 ta' Lulju, 2002[5];

Rat illi l-intimat eżekutant naqas li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba fiż-żmien lilu mogħti, ukoll kif imtawwal bid-degriet imsemmi qabel;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, il-kumpannija rikorrenti qegħda tipprova tneħħi minn fuqha, għal kollox jew imqar f'biċċa, l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li Bruno Romano' ħareġ kontra tagħha fl-14 ta' Diċembru, 2001[6]. Il-Mandat inħareġ kontra l-kumpannija rikorrenti dak inhar stess li Romano' ressaq Att taċ-Ċitazzjoni kontriha għal "danni ikkawżati in konsegwenza ta' ksur kuntrattwali u ta' frodi". Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' mija u ħamsa u erbgħin elf lira Maltija (Lm 145,000). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'Degriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2001;

[4] Paġ. 381 tal-atti
[5] Paġġ. 440-9 tal-atti
[6] Paġ. 6-8 tal-atti

Illi l-kumpannija rikorrenti eżekutata tqis l-imsemmi Mandat ma kellux għalfejn jinħareġ u li l-intimat għażel li jressaq it-talba għall-ħruġ tiegħu bil-ħsieb biss li jdejjaqha u jagħmlilha ħsara għal xejn. Kemm hu hekk, biċċa sewwa mir-rikors tagħha jitkellem fuq il-kwestjonijiet li nħolqu bejn l-azzjonisti tal-kumpannija rikorrenti, li tagħha l-intimat eżekutant kien azzjonist minoritarju;

Illi r-raġunijiet imressqin mill-kumpannija rikorrenti bħala dawk li għalihom hija qegħda titlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tagħha huma: (a) li hija ma ikkawżat l-ebda ħsara lill-intimat eżekutant; (b) li m'hemmx raġuni siewja għaliex il-Mandat għandu jibqa' fis-seħħ; u (ċ) li teżisti garanzija oħra xierqa biex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, il-kumpannija rikorrenti qegħda titlob ukoll li l-intimat eżekutant jiġi ordnat iħallas penali u li jagħti garanzija xierqa, fiż-żmien li l-Qorti tagħtih, biex jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem huwa jista' jiġi kundannat iħallas lir-rikorrenti eżekutata. Uħud minn dawn it-talbiet huma alternativi għall-ewwel talba ;

Illi, għat-talbiet tal-kumpannija rikorrenti, l-intimat eżekutant (permezz tal-mandatarji tiegħu) jilqa' billi jgħid li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni li għaliha jista' jintlaqa' dak mitlub mill-kumpannija rikorrenti, u jżid jinsisti li l-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet leġittimi tiegħu kif imsawrin fl-Att taċ-Ċitazzjoni li huwa nnifsu ressaq dakinhar li nħareġ il-Mandat attakkat. Jiċħad li kellu f'moħħu li jressaq il-Mandat bil-ħsieb li jarreka dannu lill-kumpannija rikorrenti, u juri li jaqbel li jekk minħabba l-Mandat inżammet xi merkanzija jew prodott, huwa ma jopponix ir-rilaxx tagħhom, dment li

jinġġata garanzija li r-rilaxx jew ir-rikavat jitqegħdu taħt l-awtorita' tal-Qorti;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[7]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn l-azzjonisti u lanqas is-siwi tax-xiljiet li huma jagħmlu lil xulxin fix-xhieda mogħtija minnhom. Jirriżulta li l-intimat eżekutant ressaq kawża fil-mertu kontra, fost l-oħrajn, il-kumpannija rikorrenti, dwar il-pretensjoni mressqa minnu fil-Mandat taħt eżami, u huwa f'dik l-istanza li tali kwestjonijiet għandhom jiġu mistħarrġa mill-Qorti[8]. It-tilwim ta' bejniethom ħoloq xrar qawwija, jekk mhux ukoll mibegħda reċiproka, li għamlu wisq biex ġabu kważi fix-xejn l-elementi li messhom ġew mistħarrġa f'dawn il-proċeduri u kif ukoll tawwlu wisq il-proċedura nnifisha;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat ta' Sekwestru relattiv inħareġ kontra l-kumpannija rikorrenti waħedha, u mhux kontra għadd ta' intimati (kif jisħaq l-intimat fit-Tweġiba tiegħu)[9]. Il-Mandat kien notifikat lil għadd ta' sekwestratarji, fosthom l-azzjonisti ewlenin tal-kumpannija rikorrenti u kif ukoll lill-banek kummerċjali u lill-Kontrollur tad-Dwana. Il-kumpannija rikorrenti twaqqfet taħt il-liġi Maltija lejn nofs l-1997. L-azzjonista ewlenija kienet kumpannija barranija bl-isem ta' SCI Timon li, f'Novembru tal-1998 għaddiet l-ishma tagħha kollha fil-kumpannija rikorrenti lil kumpannija oħra bl-isem ta' SCI Tower '98[10]. L-intimat kien ilu sa minn Marzu tal-2000 azzjonist dirett tal-

[7] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[8] Ċitazz. Nru. 1892/01JRM
[9] Pożizzjoni li l-intimat irtira waqt is-smigħ tal-15 ta' Frar, 2002, f'paġ. 37 tal-atti
[10] Ara Dok "LPB8", f'paġġ. 308-9 tal-atti

kumpannija rikorrenti: qabel kien azzjonist, flimkien mas-sekwestratarju Pietro Blasina, f'kumpannija (jiġifieri, dak iż-żmien, il-kumpannija fuq imsemmija SCI Tower '98) li kienet hija l-azzjonist ewlieni u maġġoritarju tal-kumpannija rikorrenti[11];

Illi l-intimat kien jieħu ħsieb l-aspetti tal-produzzjoni u manufattura tal-kumpannija rikorrenti u dan sa għall-ħabta ta' l-aħħar jiem t'April tal-2000[12], meta nqala' disgwid bejnu u d-direttur l-ieħor[13]. Kien telaq mill-impjant tal-kumpannija wara argument li kien kellu mad-direttur l-ieħor u kien iddikjara li ma kienx sejjer jiġi lura aktar: kienu nbidlu malajr iċ-ċwievet tal-fabbrika[14]. L-intimat kien tneħħa minn direttur tal-kumpannija rikorrenti f'Mejju tal-2000[15];

Illi matul iż-żmien li l-intimat kien baqa' jaħdam fl-impjant tal-kumpannija rikorrenti fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, fiż-Żejtun, kemm hu u kif ukoll l-azzjonisti l-oħrajn kienu sellfu flus lill-istess kumpannija rikorrenti[16]. Fil-każ tal-intimat, jirriżulta wkoll[17] li kien wettaq xi ħlas għal xiri ta' parti mill-impjant li kien se' jgħammar il-fabbrika tal-kumpannija rikorrenti f'Malta. Il-kumpannija rikorrenti tagħraf li l-intimat eżekutant baqa' ma tħallas qatt lura s-somma li huwa silifha[18]. L-ammonti mislufin lill-kumpannija rikorrenti mill-azzjonisti l-oħrajn jisboq dak misluf mill-intimat eżekutant[19], li sa Lulju tal-2001 kien jammonta għal ftit iżjed minn tlieta u sittin elf dollaru Amerikan (US$ 63,000);

---

[11] Dokti. "B5" u "B6", f'paġġ. 84-5 ; u x-xhieda ta' Luisa Pedroni Blasina 8.3.2002, f'paġġ. 173-6 tal-atti
[12] Xhieda ta' Pietro Blasina 8.3.2002 u 4.4.2002, f'paġġ. 44-6 u 226-7 tal-atti
[13] *Ibid.* paġġ. 52-3 tal-atti
[14] Xhieda ta' Mark Galea 2.5.2002, f'paġ. 316-7 tal-atti
[15] Dok "LPB3", f'paġ. 93 tal-atti; Dok "LPB8", f'paġġ. 311-3 u xhieda ta' Bruno Romano' 18.4.2002, f'paġġ. 245-6 tal-atti
[16] Dok "HD4", f'paġ. 146 tal-atti; u xhieda ta' Luisa Pedroni Blasina 8.3.2002, f'paġ. 177-8 tal-atti
[17] Xhieda ta' Herman Depasquale 21.3.2002, f'paġ. 206 tal-atti
[18] Xhieda ta' Luisa Pedroni Blasina 8.3.2002, f'paġ. 190 u ta' Pietro Blasina 30.5.2002 f'paġġ. 366-9 tal-atti
[19] Xhieda ta' Herman Depasquale 8.3.2002, f'paġ. 195 tal-atti

Illi l-intimat xehed ukoll dwar dak li, fil-fehma tiegħu, iqis li għandu jitħallas minħabba x-xogħol li huwa wettaq[20];

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, il-kumpannija rikorrenti qegħda tibnihom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[21];

Illi l-kumpannija rikorrenti ssemmi tliet kawżali li dwarhom tistenna li t-talbiet tagħha jiġu meqjusa:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> ġArt. 836(1)(ċ)ħ. Il-kumpannija rikorrenti tgħid[22] li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant teżisti billi l-istess intimat kien ħareġ Mandat ta' Sekwestru kontra l-miżżewġin Blasina għall-istess somma[23]. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument ma jfisser xejn, għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami. Il-fatt li jkun inħareġ Mandat kawtelatorju għal pretensjoni li tixxiebah kontra terzi - ukoll jekk dawn ikunu b'xi mod konnessi mal-intimat eżekutat - ma jista' qatt ikun il-garanzija meħtieġa biex jitwaqqa' l-Mandat. Daqskemm kreditu li jista' jkun dovut lill-eżekutant minn terza persuna ma jammontax bħala

[20] Xhieda ta' Bruno Romano' 30.5.2002, f'paġġ. 399-400 tal-atti
[21] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Hili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[22] Par 4 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, f'paġ. 441 tal-atti
[23] Sek. Kawt. 3370/01

garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ieħor[24]. It-tiftix tal-garanzija xierqa jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Minbarra dan, diġa' ġie rilevat li l-intimat waħdieni fil-Mandat taħt eżami kien il-kumpannija rikorrenti, li hija persuna legali għal kollox distinta mill-azzjonisti tagħha u mid-diretturi tagħha. Huwa dubjuż ukoll kemm kien ikun jiswa l-argument tal-kumpannija rikorrenti taħt din nil-kawżali anke fil-każ li kien hemm aktar minn intimat wieħed imsemmija fl-istess Mandat;

Illi, mbagħad, imqar fuq livell ta' l-ewwel daqqa t'għajn, jidher li l-argument tal-garanzija oħra xierqa <u>fi ħdan il-kumpannija rikorrenti nnifisha</u> jisfaxxa meta wieħed iqis kif, mix-xhieda mressqa mill-istess kumpannija rikorrenti, jirriżulta li "purtroppo, fino al 2000, siamo sempre stati in perdita"[25]. Irriżulta wkoll, li sakemm l-intimat eżekutant kien għadu midħla tal-kumpannija, kien għadu qiegħed jintalab li jgħaddi iżjed flus biex jitwettqu l-proġetti li l-kumpannija kienet qegħda taħdem fuqhom;

Illi, b'żieda ma' dan, ma ntwera li l-kumpannija rikorrenti għandha l-ebda assi ieħor li jista' jiġi offert biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant. Il-piż ta' din il-prova kien jaqa' biss fuq il-kumpannija rikorrenti[26];

Illi għalhekk, il-Qorti ma ntweriet l-ebda raġuni tajba biex tqis li tħassar il-Mandat fuq din il-kawżali;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> ġArt. 836(1)(d)ħ. Il-kumpannija rikorrenti terġa' ssejjes l-ilment tagħha dwar din il-kawżali billi tirreferi għal Mandat ieħor maħruġ mill-intimat eżekutant,

---

[24] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[25] Xhieda ta' Luisa Pedroni Blasina 8.3.2002, f'paġ. 189 tal-atti
[26] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***

l-istess bħal fil-każ tal-kawżali preċedenti. Hija tisħaq li, ladarba ż-żewġ Mandati (l-ieħor u dan taħt eżami) jirreferu għall-istess kawżali u dwar l-istess ammont, dan il-fatt waħdu jirrendi l-Mandat taħt eżami bħala wieħed mhux mistħoqq u eċċessiv;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[27] Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tax-xhieda, il-Qorti ssib li l-intimat eżekutant Romano' għandu pretensjoni ta' ħlas lura tal-ammont misluf minnu bħala "*shareholders' loans*" lill-kumpannija rikorrenti, u pretensjonijiet għall-ħlas ta' servizzi mogħtija għas-snin bejn l-1997 u l-2000. Tenna wkoll[28] li għandu pretensjonijiet oħrajn għall-ħlas dovuti lilu minn żmien li kien jaħdem għad-ditta LPB, imma l-Qorti ma tista' qatt tqis dawn bħala pretensjonijiet leġittimi kontra l-kumpannija rikorrenti (għall-finijiet ta' din il-proċedura) ladarba kienu jirreferu għal żmien qabel twaqqfet l-istess kumpannija. Madankollu, jekk wieħed iqis x'qiegħed jippretendi l-intimat eżekutant għaż-żmien li ħadem fil-kumpannija rikorrenti, il-Qorti ssib li tali ammont pretiż jaqbel mal-ammont imsemmi fil-Mandat, fis-sens li jqarrab l-ammont imsemmi fil-Mandat bħala dak li hu jemmen li għandu jitħallas mingħand il-kumpannija rikorrenti. Jerġa'

[27] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[28] Ara x-xhieda tiegħu f'paġ. 399 tal-atti

jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimat wettaq il-prova fil-mertu ta’ dak li huwa (jekk huwa) dovut lilu, imma biss li dak li jrid iħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru;

Illi biex ammont imsemmi f’att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[29] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t’għajn bħala wieħed magħmul b’mod ażżardat;

Illi l-argument imressaq mill-kumpannija rikorrenti dwar din il-kawżali ma jistax jitqies bħala wieħed għal kollox siewi f’din l-istanza. Dan jingħad għaliex il-ħruġ waħdu ta’ Mandat ieħor kontra terzi persuni dwar l-istess kawżali, jew waħda li tixbahha, ma jirrendix eċċessiva l-pretensjoni magħmula fl-ewwel Mandat.

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tal-kumpannija rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Ċ) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m’huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli ġArt. 836(1)(f)ħ. Dwar din il-kawżali, il-kumpannija rikorrenti ttenni li, b’riferenza għall-kawżali mfissra mill-eżekutant fil-Mandat in kwestjoni, la kien hemm ksur ta’ xi rabta kuntrattwali u tiċħad bis-sħiħ li wettqet xi frodi kontih. Jidher li, għal darb’oħra, il-kumpannija rikorrenti m’hijiex turi li qegħda tifhem x’għandu jirriżulta taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi biex il-Qorti twaqqa’ l-Mandat maħruġ kontiha. Iċ-ċaħda ta’ ksur ta’ kuntratt, jew iċ-ċaħda ta’ għemil frawdolenti għandhom mill-petitorju, jiġifieri mill-mertu tal-kwestjoni. Din

[29] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

il-Qorti diġa' stqarret li dan (jiġifieri, l-istħarriġ fil-mertu) ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;

Illi l-kumpannija rikorrenti ssemmi ċ-ċitazzjonijiet li l-intimat eżekutant ħareġ biex javvanza l-pretensjonijiet tiegħu u tużahom bħala l-bażi tal-argument tagħha. Għall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-kumpannija rikorrenti, din il-Qorti ssib li l-intimat eżekutant jixli speċifikatament lill-istess kumpannija rikorrenti bħala d-debitriċi tiegħu f'dak l-ammont li huwa jemmen li għandu jitħallas. Naturalment, din il-Qorti qegħda tiġi mistiedna (mill-kumpannija rikorrenti) li tqis kemm hija raġonevoli din il-pretensjoni tal-intimat eżekutant. Jingħad biss li din il-Qorti sejra tirreżisti li tippronunċja ruħha dwar jekk Romano' jistħoqqlux ħlas jew jekk, speċifikatament, jistħoqqlux ħlas mill-kumpannija rikorrenti: dan qegħda tagħmlu biex ma torbotx idejn il-Qorti li sejra tqis il-kwestjoni fil-mertu;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimat eżekutant m'għandu jitħallas xejn, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[30]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

[30] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi f'dan l-istadju il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol f'eżerċizzju ta' tifsir legalistiku jew tejoretiku tal-frażi "danni", kif trid li tagħmel il-kumpannija rikorrenti. Jekk dak li qiegħed jippretendi l-intimat eżekutant bħala ħlas dovuti lilu jrid isejħilhom bħala "danni", meta forsi huma arrikkiment indebitu, għal din il-Qorti, f'din l-għamla ta' istanza, ma jagħmel l-ebda differenza għaliex, hawnhekk ukoll, tali stħarriġ jaqa' fil-kompetenza waħdanija tal-Qorti li għandha tqis il-mertu;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li l-kumpannija rikorrenti ma tathiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, naturalment, il-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami weġġa' lill-kumpannija rikorrenti. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mill-kumpannija rikorrenti għat-tneħħija ta' Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li l-kumpannija rikorrenti qegħda ġġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati. Huwa għalhekk li din il-Qorti, fuq it-talbiet alternativi mressqin mill-kumpannija rikorrenti, sejra tipprovdi appożitament fid-dawl ta' dan il-fatt;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[31];

Illi l-kumpannija rikorrenti talbet ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talbet l-ewwelnett il-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[32]; u talbet ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimat eżekutant ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti tista' turi li ġarrbet minħabba l-Mandat[33]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar għal kollox l-effetti tal-Mandat, sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju

[31] Art. 836(9) tal-Kap 12
[32] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[33] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12

kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[34]. F'dan il-każ, il-kumpannija rikorrenti qegħda ssejjes il-pretensjoni tagħha fuq tlieta minnhom, jiġifieri dawk iċ-ċirkostanzi maħsubin taħt l-artikolu 836(8)(b)(ċ) u (d) tal-Kap 12;

Illi t-tliet kawżali li sejrin jitqiesu f'dan ir-rigward jitkellmu dwar (a) nuqqas ta' ġustifikazzjoni għall-ħruġ tal-att (jiġifieri, f'dan il-każ, tal-Mandat) jew nuqqas ta' talba qabel il-ħruġ tiegħu; (b) iċ-ċirkostanzi tal-parti intimata dwar il-likwidita' tagħha; u (ċ) jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kienet waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-kumpannija rikorrenti tissottometti[35] li hija qegħda tressaq it-talba tagħha fuq in-nuqqas ta' interpallazzjoni min-naħa tal-intimat eżekutant. Hija żżid tgħid li la kien hemm kwestjoni ta' ġustifikazzjoni tal-ħruġ tal-Mandat u lanqas urġenza biex dan jinħareġ, kif jeċepixxi l-intimat eżekutant fit-Tweġiba tiegħu. Ingħad li l-interpellazzjoni li għaliha tirreferi l-liġi ma hijiex biss dik ġudizzjarja, imma li tista' tkun b'kull mod[36]. Hawnhekk ukoll, jekk hija l-kumpannija rikorrenti li qegħda tgħid li Romano' ma talabx li jsir il-ħlas, kien jaqa' fuqha li ġġib provi biżżejjed biex dan jiġi emmnut. Il-Qorti tifhem li n-nuqqas ta' interpellazzjoni għandha minn prova negattiva, u allura ħaġa iebsa biex tipprova, iżda, min-naħa l-oħra, ma ngħad

---

[34] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[35] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 445-6 tal-atti
[36] Ara, per eżempju, P.A. TM **18.9.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***

imkien fix-xhieda li l-intimat ma ressaqx talba għall-ħlas fi żmien ħmistax-il (15) jum qabel l-14 ta' Diċembru tal-2001;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tagħmel riferenza kemm għal dak li ngħad iżjed 'il fuq dwar il-kwestjoni tal-garanzija alternativa, u kif ukoll għax-xhieda mressqa mill-kumpannija rikorrenti li, minħabba l-effetti tal-Mandat, kienet f'xifer il-falliment. Kemm hu hekk, dan huwa l-argument ewlieni magħmul mill-kumpannija rikorrenti biex turi kemm il-Mandat qiegħed jagħmlilha ħsara. F'dan il-każ, il-Qorti sejra tqis biss ix-xhieda mressqa f'dawn l-atti u li jitkellmu dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija rikorrenti fiż-żmien rilevanti qabel il-ħruġ tal-Mandat. Minn din ix-xhieda kollha, il-Qorti ma tislitx stampa ta' kumpannija li qegħda fi stat ta' likwidita' mill-isbaħ. Anqas u anqas ma jingħatalha moħħ mistrieħ dwar "il-kapaċita' finanzjarja tiegħu (tagħha) li jħallas it-talbiet tar-rikorrent"[37]. Jekk kien hemm qagħda finanzjarja li l-intimat eżekutant kien jaf sewwa, din kienet waħda fejn, sakemm kien għadu jagħti s-sehem tiegħu fiha, kien għadu qiegħed jintalab jitfa' iżjed flus fil-kumpannija sabiex tkun tista' twettaq dak li kienet qegħda tfassal li tagħmel. Huwa minnu li l-kumpannija kienet rebħet u bdiet twettaq xi kuntratti tajbin fi swieq ġodda, imma lil din il-Qorti jirriżultalha li dan kollu seħħ wara li l-intimat kien (t)warrab mill-kumpannija u żmien sewwa wara li tneħħa minn direttur, u tali ċirkostanzi m'huwiex mistenni li kien qatt jaf bihom;

Illi dwar it-tielet ċirkostanza, il-kumpannija rikorrenti tgħid li l-ħażen tal-intimat joħroġ mill-fatt li dan huwa ċittadin Taljan bla ġid f'Malta u li ġie jkisser lill-kumpannija rikorrenti fil-qalba tal-attivita' tagħha f'Malta, u mbagħad telaq minn Malta. Il-kumpannija rikorrenti tqis li l-ħruġ tal-Mandat huwa vendikazzjoni u xejn iżjed min-naħa tal-intimat. Madankollu, minkejja li l-Qorti qegħda tagħti każ sewwa ta' din is-

[37] Art. 836(8)(ċ) tal-Kap 12

sottomissjoni (speċjalment fid-dawl ta’ dak li xehed quddiemha Mark Galea dwar il-kliem li qallu Romano’ meta kellu l-aħħar ġlieda ma’ Pietro Blasina u dwar li kien deher ma’ ħaddieħor li jaħdem f’dak il-qasam meta ġiet id-delegazzjoni tal-M.D.C. fil-fabbrika), imbagħad il-kumpannija rikorrenti tagħmel dikjarazzjoni mhux ftit kontradittorja fejn tgħid[38] li l-intimat kellu kull interess bħala azzjonist tal-kumpannija rikorrenti li jħares il-valur tas-sehem li huwa għandu fiha;

Illi l-Qorti, f’dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa’ magħmula iżjed ‘il fuq dwar il-fondatezza tar-raġonevolezza tal-Mandat, ikollha tqis li meta Romano’ talab il-ħruġ tal-Mandat, ried fl-ewwel lok iħares il-pretensjonijiet tiegħu li jiġbor flusu u jitħallas ta’ dak li jħoss li wettaq u li tiegħu ma ngħatax il-ħlas. F’dan il-każ, il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[39];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimat eżekutant għandu jiġi kundannat iħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-kumpannija rikorrenti li ‘l quddiem u fis-sedi opportuna tressaq pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f’dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom dik il-Qorti kompetenti tasal f’fehmiet preċiżi għar-rigward;

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant. F’dan ir-rigward, il-kumpannija

[38] Nota tal-Osservazzjonijiet, f’paġ. 448 tal-atti

[39] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

rikorrenti naqset li tressaq xi sottomissjoni partikolari, għaliex waqfet sewwasew fuq il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tal-penali;

Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[40]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[41]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[42], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

[40] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[41] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[42] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

Illi, peress li r-raba' (4[a]) talba tal-kumpannija rikorrenti baqgħet ma ġiet qatt ċeduta, il-Qorti sejra tqisha. Ironikament, mill-assjem tal-provi kollha li tressqu quddiemha, din il-Qorti ssib li hija din it-talba li jidher li għandha tkun meqjusa bħala waħda mistħoqqa. Dan jingħad l-iżjed għaliex l-intimat eżekutant m'huwiex ċittadin Malti, ma jidhirx li għandu ġid f'Malta u ħalla Malta minnufih wara li ħareġ il-Mandat (jekk mhux ukoll qabel, kif donnu jindika fix-xhieda tiegħu nnifsu[43]) u reġa' ġie Malta biss biex jagħti x-xhieda tiegħu f'dawn l-atti u ħatar mandatarji speċjali biex jidhru għalih fl-atti tal-Mandat u dawk marbutin miegħu. Huwa hawnhekk li l-Qorti sejra tieħu qies tat-tbatija li qegħda ġġarrab il-kumpannija rikorrenti bil-Mandat fis-seħħ u huwa hawnhekk li l-Qorti trid tassigura li għalkemm l-intimat eżekutant ressaq fi żmien utli l-Att taċ-Ċitazzjoni, isegwih b'għaqal u mingħajr tnikkir. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħraf ukoll minn xiex kellu jgħaddi l-proċediment tal-atti tal-kawża fil-mertu, fid-dawl tal-bdil li seħħ fl-organiżżazzjoni tas-smigħ tal-kawżi, fejn illum il-kawża qegħda tinstama' minn ġudikant ieħor u għadha fi stadju preliminari[44];

Illi jrid jingħad ukoll li, fit-Tweġiba tiegħu[45], l-intimat eżekutant wera li ma kienx joġġezzjona li l-merkanzija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana (wieħed mis-Sekwestratarji) tinħeles u r-rikavat tal-prodott manufatturat minnha jitqiegħed taħt l-awtorita' tal-Qorti. Dan kien jinneċessita proċediment partikolari, li ma kienx għal din il-Qorti li twettqu hija, u li, sallum, il-kumpannija rikorrenti ma jidher li wriet l-ebda aċċenn li tirrikorri għalih. Minbarra dan, bi ftehim bejn il-partijiet, seta' forsi jintlaħaq arranġament biex l-effetti tal-Mandat, riferibbilment għal dik il-materja prima, jitħassar;

---

[43] Ara paġ. 398 tal-atti
[44] Kemm hu hekk, tinsab differita għas-smigħ fl-10 ta' Novembru, 2003.
[45] Par 2., f'paġ. 30 tal-atti

Illi dawn iċ-ċirkostanzi, marbutin mal-fatt li f'idejn wieħed mis-sekwestratarji hemm miżmuma kwantita' ta' materja prima[46] li tammonta għal aktar minn tnax-il elf lira Maltija u li l-kumpannija rikorrenti kienet teħtieġ biex setgħet tissokta bil-ħidma tagħha, iwassal lill-Qorti biex tqis li għandha tordna lill-intimat eżekutant li jressaq garanzija bankarja tajba biżżejjed biex tħares l-eventwalitajiet maħsubin fil-liġi taħt l-artikolu 838A li m'humiex marbutin biss mal-għoti ta' penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap 12. Il-Qorti, fil-qies li qegħda tieħu ta' din il-kostatazzjoni, ma tħossx li għandha tintrabat biss mal-valur tal-imsemmija materja prima, imma wkoll mal-valur tal-ordnijiet fissi u miftehma li għalihom dik il-materja prima kienet inġiebet hawn Malta biex jinħadem il-prodott farmaċewtiku esportat fil-Brażil. Minħabba s-sekwestru, effett immedjat kien it-tħassir tal-esportazzjoni tal-ordnijiet miftehma;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex iħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha. F'dan il-każ, għalhekk, il-Qorti qegħda tqis l-ammont ta' garanzija kemm fuq il-kwestjoni tal-materja prima sekwestrata f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana u l-użu immedjat li kien sejjer isir minnha u kif ukoll għall-fatt li l-Mandat waqqaf kważi għal kollox ix-xogħol fl-impjant tal-kumpannija rikorrenti. Meta wieħed iqis dawn iċ-ċirkostanzi kollha fid-dawl tal-ammont

[46] Ara Dok "LPB6", f'paġ. 106 tal-atti

pretiż mill-intimat eżekutant fil-Mandat taħt eżami, il-Qorti tasal għall-fehma li garanzija xierqa għandha tammonta għal erbgħin elf lira Maltija (Lm 40,000);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-kumpannija rikorrenti Blaschem (Malta) Limited billi:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet** tal-kumpannija rikorrenti billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti;

**Tilqa' r-raba' talba** tal-kumpannija rikorrenti billi, ladarba ntweriet kawża ġusta, tordna li l-intimat eżekutant Bruno Romano' iressaq, sa mhux iżjed tard minn tletin (30) jum kalendarju millum, garanzija bankarja xierqa fl-ammont ta' erbgħin elf lira Maltija (Lm 40,000) jew l-ekwivalenti tagħha f'denominazzjoni Euro, taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti, u dan biex tagħmel tajjeb għad-danni u l-imgħax li l-kumpannija rikorrenti jista' jkollha jedd tiġbor minħabba fil-ħruġ tal-Mandat;

**Tordna** li jekk kemm-il darba l-intimat eżekutant Romano' jonqos li jressaq il-garanzija msemmija fiż-żmien perentorju lilu mogħti, il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3371/01 fl-ismijiet premessi għandu jitħassar b'effett immedjat; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------